# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 31/2024 ISB**

**35°14° Capital SCC p.l.c (C 105417) li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta' **35°14° Capital SCC p.l.c**, tas-26 ta' Marzu 2024, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

*i. Tordna li l-isem tas-soċjetà A.F. Property Development Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C 23429 li ġie mħassar minn fuq*

*ir-Reġistru b'effett mis-27 ta' Ġunju 2020 jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji miżmum mill-intimat ai termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*ii. Tordna li r-Reġistru tal-Qrati jikkonsenja lir-Reġistratur intimat għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali ta' l-Ordni Mogħtija fuq it-talba preċedenti;*

*iii. Tagħti dawk id-direzzjoni u Tagħmel dawk il-provvedimenti l jidhrilha xierqa u opportuni biex is-soċjetà A.F. Property Development Limited u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqs li kieku l-isem tal-istess kumpanija qatt ma ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*iv. Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat jippubblika avviż fil-Gazetta tal-Gvern u fuq il-website miżmuma mill-istess reġistratur intimat u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmemt f'Malta;*

*v. Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji intimat idaħħal l-isem tal-A.F. Property Development Limited fir-reġistru minnu miżmum skont il-Liġi.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi permezz ta' żewġ (2) kuntratti ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat lkoll datat il-15 ta' Frar 2007 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok A**' u '**Dok B**'), is-soċjeta' Bank of Valletta plc (C 2833) ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjeta' Acorn Properties Limited (C 37361), u dan skont it-termini u kundizzjonijiet hemm msemmija. Fuq dawn il-kuntratti ta' self dehret ukoll is-soċjeta' A.F. Property Development Limited (C 23429) fejn assumiet ruħha bħala garanti in solidum flimkien mad-debitriċi prinċipali u għalhekk s-soċjeta' Acorn Properties Limited (C 37361);*
2. *Illi permezz tal-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella datat id-29 ta' Mejju 1999 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok C**'), is-soċjeta' Bank of Valletta plc (C 2833) ikkonċediet faċilita' bankarja lil Joseph Farrugia (K.I 186467M) u lil Ruth Farrugia (K.I 438467M) u dan skont it-termini u kundizzjonijiet hemm msemmija. Fuq dan il-kuntratt ta' self dehret ukoll is-soċjeta' A.F. Property*

*Development Limited (C 23429) fejn assumiet ruħha bħala garanti in solidum flimkien mad-debituri prinċipali u għalhekk Joseph Farrugia (K.I 186467M) u Ruth Farrugia (K.I 438467M);*

3. *Illi s-soċjeta' A.F. Property Development Limited (C 23429) qiegħda tiggarantixxi dan il-ħlas tas-self permezz t' ipoteka speċjali fuq numru ta' proprjetajiet ġewwa Triq in-Nafra, Naxxar;*

4. *Illi d-debituri prinċipali Acorn Properties Limited (C 37361), Joseph Farrugia (K.I 186467M) u Ruth Farrugia (K.I 438467M) waqgħu morużi fil-pagamenti tant illi kissru l-obbligi kuntrattwali tagħhom;*

5. *Illi b'effett mit-18 ta' Diċembru 2023, id-drittijiet naxxenti mill-kuntratti surreferiti u d-debitu relattiv ġie assenjat u ċedut a favur tas-soċjeta' mittenti mill-Bank of Valletta plc (C 2833), u dan skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 484 tal-Liġijiet ta' Malta (kopji tal-ittri indirizzati lid-debituri prinċipali qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok D**' u '**Dok E**') (kopja tal-ittra indirizzata lis-soċjeta' garanti A.F. Property Development Limited qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok F**');*

6. *Illi permezz tal-avviż maħruġ mir-reġistru tal-kumpaniji u b'effett mis-27 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjetà A.F. Property Development Limited (C 23429) ġie imħassar minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji hekk kif jirriżulta mill-estratt relattiv mis-sit eletroniku tar-reġistru tal-kumpaniji (kopja tal-estratt relattiv qiegħed jiġu hawn anness u mmarkat bħala '**Dok G'**);*

7. *Illi peress illi s-soċjetà A.F. Property Development Limited (C 23429) qiegħda tiggarantixxi l-ħlas tas-self kif konċess permess tal-kuntratti surreferiti bħala garanti in solidum mad-debituri prinċipali, is-soċjeta' esponenti umilment tissottometti li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tat-tali kumpanija ġie mħassar minn fuq ir-reġistru, u għaldaqstant hija għandha interess illi isem s-soċjetà A.F. Property Development Limited (C 23429) jerġa jidħol fir-reġistru tal-kumpaniji;*

   *Illi s-soċjeta' esponenti hija kreditriċi tad-debituri, inkluż tas-soċjeta' A.F. Property Development Limited (C 23429), liema kreditu sal-25 ta' Marzu 2024 kien jammonta għas-somma totali ta' żewġ miljuni, erba' mija, u tlettax-il elf, u sebgħa u*

> *erbgħin Euro u ħames ċenteżmi (€2,413,047.05), u dan kif jirriżulta mir-rendikonti relattivi (kopji ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok H**' – '**Dok J**') u mill-ittri uffiċjali relattivi (kopji ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok K**' u '**Dok L**').*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 46).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-4 ta' April 2024, u minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Mejju 2024 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-24 ta' April 2024 (ara tergo ta` fol 48).

Rat illi fis-6 ta' Mejju 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 51), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija A.F. Property Development Limited (C 23429) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fil-11 ta' Settembru 1998;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex tikteb lill-kumpanija sabiex tavża illi l-isem tal-istess kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha A.F. Property Development Limited, 103, Old Railway Track, Santa Venera, Malta, u liż-żewġ diretturi tagħha is-Sur Joseph Farrugia fl-indirizz 7, New Street in Birguma Street, Naxxar, Malta u s-Sur George  Zammit fl-indirizz Fiorita, Triq il-Ħelsien, Qormi, Malta , datati, nhar it-18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u lid-diretturi fuq l-istess indirizzi, fis-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma oġġezzjonat ghal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Registratur għal-ġid ta' kull min seta' qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-27 ta' Marzu 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, is-soċjeta' A.F. Property Development Limited assumiet ruħha bħala garanti in solidum flimkien mad-debituri prinċipali f'żewġ kuntratti ta'self, datati id-29 ta' Mejju 1999 u il-15 ta' Frar 2007 rispettivament. Illi l-kumpanija A.F. Property Development Limited qiegħda tiggarantixxi dan il-ħlas tas-self permezz ta' ipoteka speċjali fuq numru ta' proprjetatjiet. Illi d-debituri prinċipali Acorn Properties Limited (C 37361), is-Sur Joseph Farrugia (K.I. 186467M) u Ruth Farrugia (K.I. 438467M) waqgħu morużi fil-pagamenti. Illi sussegwentement, b'effett mit-18 ta' Diċċembru 2023, id-drittijiet naxxenti mill-kuntratti surreferiti u d-debitu relattiv ġie assenjat u ċedut a favur tas-soċjeta' rikorrenti mill-Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)*

*Illi għalhekk, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha sabiex l-isem tal-kumpanija jerga' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala*

*kreditriċi ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpannija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi ta' din il-kumpanija hija stess u ghaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro, filwaqt li l-pagament dovut fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammonta għal* ***EUR 6,414,71****;*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m'għandiex oġġezzjoni għal dan u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrenti tkun fil-pożizzjoni illi teżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilha bħala kreditriċi tal-kumpanija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal zmien indefinit.*

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tas-17 ta' Mejju 2024 (fol 74) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Simon Zammit** u tal-**Avukat Dr Jean Carl Farrugia**, b'dokumenti annessi (fol 75 sa fol 84)**.**

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2024 dehret l-Avukat Francesca Micallef għas-soċjeta' rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-soċjeta' rikorrenti li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikajarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, jgħid li b'effett mis-27 ta' Ġunju 2020, l-isem tas-soċjeta' **A.F. Property Development Limited (C 23429)** ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u hi għandha nteress bħala kreditriċi li l-kumpanija tiġi ravvivata.

Tispjega illi permezz ta' żewġ kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat, datati 15 ta' Frar 2007 fejn il-Bank of Valletta plc ikkonċeda faċilitajiet bankarji lis-soċjeta' Acorn Properties Limited fejn is-soċjeta' A.F. Property Development Limited assumiet ruħha bħala garanti *in solidum* mal-istess kumpanija Acord Properties Limited.

Tgħid ukoll li permezz ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella datat 29 ta' Mejju 1999, il-Bank of Valletta plc ikkonċeda faċilita' bankarja lil Joseph Farrugia u Ruth Farrugia fejn is-soċjeta' A.F. Property Development Limited assumiet ruħha bħala garanti *in solidum* mal-istess individwi. Tispjega li A.F. Property Development Limited qegħda tiggarantixxi l-istess self permezz ta' ipoteka speċjali fuq numru ta' propjetajiet ġewwa Triq in-Nafra, in-Naxxar.

Tgħid li kemm Acorn Properties Limited, kif ukoll Joseph Farrugia u Ruth Farrugia waqgħu morużi fil-pagamenti tant li kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom u li b'effett mit-18 ta' Diċembru 2023, id-drittijiet naxxenti mill-kuntratti msemmiha u d-debiti relattivi ġew assenjata lis-soċjeta' rikorrenti.

In vista tal-fatt li s-soċjeta' *de quo* ġiet mħassra minn fuq ir-reġistru, is-soċjeta' rikorrenti tħossha aggravata b'dan il-fatt u għandha kull interess li l-isem jerġa'

jidħol fir-reġistru stante li sa llum l-istess soċjeta' *de quo* hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti f'ammont li jeċċedi tnejn punt erbgħa miljun Ewro (€2,400,000).

Fl-affidavit tiegħu **Simon Zammit** jgħid li jokkupa l-kariga ta' *Lead* fi ħdan id-*Debt Management Department* tal-Bank of Valletta plc.

Jikkonferma li fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Bank ittrasferixxa portafol ta' non-performing loans lis-soċjeta' rikorrenti inkluż l-ammont dovut mis-soċjeta' Acorn Properties Limited naxxenti minn żewġ kuntratti ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat datati 15 ta' Frar 2007, kif ukoll l-ammont dovut mingħand Joseph Farrugia u Ruth Farrugia naxxenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella datat 29 ta' Mejju 1999 u ieħor datat 23 ta' Ġunju 1999.

Jikkonferma li s-soċjeta' *de quo* assumiet ruħha bħala garanti in solidum fiż-żewġ kuntratti u qegħda tiggarantixxi l-ħlas permezz ta' ipoteki ġenerali kif ukoll ipoteki speċjali fuq numru ta' propjetajiet fin-Naxxar.

Jikkonferma li sat-18 ta' Diċembru 2023 hu kien responsabbli għall-irkupru tal-ammont dovut lill-Bank debitur u jikkonferma li l-ammont kumpless dovut kien jammont għal żewġ miljuni, tliet mija u tmienja u disgħin elf, u tnax-il Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€2,398,012.87).

Fl-affidavit tiegħu, **Dr Jean Carl Farrugia** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' direttur tas-soċjeta' rikorrenti. Jgħid li permezz ta' kuntratt privat datat 18 ta' Diċembru 2023, is-soċjeta' rikorrenti akkwistat portafoll ta' *non-performing loans* mingħand il-Bank of Valletta plc, fosthom l-ammont dovut mis-soċjeta' Acorn Properties Limited naxxenti minn żewġ kuntratti ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat datati 15 ta' Frar 2007, kif ukoll l-ammont dovut mingħand Joseph Farrugia u Ruth Farrugia naxxenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella datat 29 ta' Mejju 1999 u ieħor datat 23 ta' Ġunju 1999, fejn is-soċjeta' *de quo* kienet ikkostitwiet ruħha bħala garanti *in solidum*, liema trasferiment sar ai termini tal-Kap 484 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk illum is-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi.

Jispjega li bħala garanzija għall-ħlas tad-debitu, s-soċjeta' *de quo* provdiet numru t'ipoteki fosthom ipoteka ġenerali kif ukoll ipoteki speċjali fuq is-segwenti propjetajiet:

a. Tmien (8) garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali, internament immarkati bin-numri: 1, 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 14 li jinsabu fil-*lower basement level* ta' blokka t'appartamenti bl-isem 'St. Mary Apartments' Triq in-Nafra, Naxxar.

b. Żewġ (2) garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali, internament immarkati bin-numri 23 u 28 li jinsabu fl-*upper basement level* ta' blokka t'appartament bl-isem 'St. Mary Apartments' Triq in-Nafra, Naxxar.
c. Maisonette numru 4, 'St. Mary Apartments' Triq in-Nafra, Naxxar.
d. Flat numru 1, 'St. Mary Apartments' Triq in-Nafra, Naxxar.
e. L-arja fuq il-propjetajiet kollha surreferiti.

Jispjega li fis-27 ta' Ġunju 2020, is-soċjeta' *de quo* tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Jgħid li s-soċjeta' rikorrenti diġa' permezz t'ittri uffiċjali interpellat lil Acorn Properties Limited u lil Joseph Farrugia u lil Ruth Farrugia għall-ħlas. Jispjega li s-somma dovuta sa llum tammonta għal żewġ miljuni, erba' mija u tlettax-il elf u sebgħa u erbgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€2,413,047.05).

Isostni li huwa għalhekk li s-soċjeta' rikorrenti għandha interess li s-soċjeta' *de quo* terġa tiddaħħal fir-reġistru.

In sosten tal-provi tagħha, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat numru ta' dokumenti, fosthom il-kuntratti u l-garanziji fuq deskritti.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel*

> *<u>dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija A.F. Property Development Limited (C 23429) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjeta' rikorrenti għandha dejn garantit mis-soċjeta' *de quo*. Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4), xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti indikat li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li tibqa' attiva sabiex is-soċjeta' rikorrenti tkun tista' tenforza id-drittijiet tagħha fil-konfront tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija A.F. Property Development Limited (C 23429) minn fuq ir-Reġistru, pero` s-soċjeta' rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex hija titlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **A.F. Property Development Limited (C 23429)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok,** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna illi l-isem ta' **A.F. Property Development Limited (C 23429)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi s-soċjeta' rikorrenti hija mistennija illi tinizzjala, ssegwi u wieħed jispera tiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tikseb u tenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **A.F. Property Development Limited (C 23429)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**